KUNSILL LOKALI L-IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 56 – IL-ĦAMIS 16 TA' FRAR 2023**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier (assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**56.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

56.1.1 Inqrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Bernice Farrugia biex tiġi skużata mis-seduta minħabba mpenji ta' xogħol.

Il-Kunsill approva *nem con*.

**56.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

56.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (55) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

56.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

**56.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL**

56.3.1 Ma kienx hemm.

**56.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

56.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lill-Mro. Dion Buhagiar tal-preżentazzjoni li għamel lill-Kunsill Lokali L-Iklin dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb bl-isem Francesco Azzopardi (1748-1809) kompożitur u teorista Malti tal-mużika klassika. L-awtur tal-ktieb Mro. Dion Buhagiar jirrisiedi L-Iklin fejn waqt il-preżentazzjoni ta spjegazzjoni dwar din il-pubblikazzjoni li ħaditlu ħafna ħin ta' riċerka biex wasal għal dan il-prodott finali. Is-Sindku ikkonkluda li din il-pubblikazzjoni ser tinżamm fl-arkivju tal-Kunsill. Faħħar dan il-proġett ferm interessanti aktar u aktar dan ix-xogħol sar minn resident Ikliniż.

56.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-proġett Nanniet Malta li qed isir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali L-Iklin beda fuq nota ferm tajba fejn l-attendenza tal-komunità Ikliniża kienet waħda numeruża. Is-Sindku faħħar l-inizjattiva tal-Viċi Sindku Bartolo peress li dan il-qasam tal-anzjani jaqa' taħt id-dekasteru tagħha u qal li l-proġett 'Nanniet Malta' se jkun qed iservi bħala Day Centre għall-anzjani biex jiltaqgħu u jipparteċipaw fl-attivitajiet li jiġu organizzati minn żmien għal żmien.

56.4.3 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li kien saret laqgħa fuq il-post ma' Uffiċċjal tal-Public Works dwar id-diffikultà tal-manholes fi hemm fi Triq il-Wied/Triq Ġeronimo Abos peress li din l-infrastruttura hija difettuża. Kompla billi qal li kif appena tagħmel daqsxejn xita, dawn it-tappieri jiġu elevati b'periklu għas-sewwieqa u b'inkonvenjent kbir lejn ir-residenti tal-madwar minħabba overflow ta' drenaġġ fit-triq li jibqa nieżel sa B'Kara By-Pass. Is-Sindku qed jistenna azzjoni mmedjata biex din l-issue tkun riżolta darba għal dejjem. Mhux aċċettabbli aktar li fil-21 seklu naraw din il-mandra b'periklu għas-sewwieqa. Għalkemm din ir-responsabbiltà taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Drenaġġ, il-Kunsill iħossu responsabbli għaliex iġib l-interess tar-resident fl-ewwel post.

56.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras fakkar fl-attività li se jkun qed jorganizza fil-jiem tal-Karnival nhar it-Tnejn 20 ta' Frar ġewwa s-Sala tal-Kunsill fejn talab is-sehem sħiħ tal-Kunsillieri biex jieħdu ħsieb il-loġistika. Informa li hemm kollox ippreparat min-naħa tal-amministrazzjoni fejn għal din l-attività se jkollhom ukoll animation team biex iferraħ lit-tfal tal-Iklin.

56.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-lokalità tal-Iklin kienet ukoll affettwata mill-maltemp li ħakem il-gżejjer Maltin fejn ikkollassa partijiet minn ħitan tas-sejjiegħ u anke feġġew *pot holes* f'toroq varji madwar il-lokal. Minħabba xita kontinwa għal ġranet sħaħ, il-Kunsill ma setax jirrimedja fl-immedjat u fil-frattemp inqalgħu numru ta' *claims* li soffrew dannu fil-vetturi minħabba difetti fi Triq Ħal Għargħur. Naturalment il-Kunsill se jkun qed jara dawn il-*claims* każ b'każ wara li l-*claimants* ikunu ssottomettew d-dokumentazzjoni kollha rilevanti nkluż l-evidenza dwar l-imsemmija ħsarat.

56.4.6 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-komunità tal-Iklin kienet solidali mat-terremotati tas-Sirja u t-Turkija fejn il-Kunsill Lokali L-Iklin irreġistra numru ta' vjaġġi lejn Ħal Far biex iwassal proviżjon ta' ikel u ħwejjeġ ġewwa l-imħażen tas-Civil Protection Department. Is-Sindku irringrazzja pubblikament lir-residenti kollha tal-Iklin tal-għajnuna ġeneruża tagħhom fil-mument tal-prova.

**56.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.**

56.5.1 Ma kienx hemm.

**56.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.**

56.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-16ta' Jannar u l-14 ta' Frar 2023 kif jidher fid-dokument A u B.

56.6.2 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 120/23. Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed joffri wooden bin structures għall-attivitajiet li jista jorganizza l-Kunsill minn żmien għal żmien.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li dawn il-kontenituri tal-injam inkunu nistgħu nużawhom għall-Festa Fjuri 2023.

56.6.3 Il-Kunsillier Godwin Catania staqss dwar korrispondenza nru. 111/23. Applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar PA 7652/22 – Triq Ħal Għargħur k/m Triq Erin Serracino Inglott. Construction of training centre (Class 2C) Training Centre to have its own seperate access.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Konsulenti tal-Kunsill.

56.6.4 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 146/23. Programm edukattiv online imsejjaħ isupport għad-dimensja.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li tkun ħaġa tajba li l-Kunsillier responsabbli jipparteċipa f'dan il-programm edukattiv għax b'hekk inkunu nistgħu nagħtu s-sapport lir-residenti li jiġu bżonn dan is-servizz.

56.6.5 Is-Sindku Dott. Sciberras staqsa dwar korrispondenza nru. 150/22. Talba għall-permess mill-Iklin Scout Group biex ikunu jistgħu iweħħlu whiteboard fis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li m'għandux oġġezzjoni għal dan u għaldaqstant għandhom jagħmlu kuntatt mall-Uffiċċju Amministrattiv.

56.6.6 Il-Kunsillier Godwin Catania staqsa dwar korrispondenza nru. 197/23. Talba għall-għajnuna biex isiru (6) sitt arbli tal-ħadid fi Triq San Mikiel.

Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ din il-materja għad-diskussjoni u fejn ġie deċiż biex il-Kunsill jottjeni preventiv u eventwalment terġa tiġi diskussa fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill.

56.6.7 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 163/23. Espressjoni ta' interess – Żvilupp u titjib ta' latrini awtomatiċi.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li għalkemm il-Kunsill wera l -interess tiegħu għal din is-sejħa, f'dan l-istadju l-Kunsill ma jistax japplika għaliex m'għandux latrini pubbliċi.

Żied jgħid li meta jerġa jiġi diskuss il-proġett propost dwar ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza, il-ħsieb jew il-kunċett ta' latrina awtomatika ser tiġi integrata fid-disinn.

Ladarba naslu għall-proġett fil-konkret, il-Kunsill ikun jista japplika għal din l-iskema jew opportunità ta' fondi li jinqalgħu minn żmien għal żmien biex nibbenifikaw il-fondi għal dan l-iskop.

56.6.8 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 164/23. Potential URBACT APN City Partner.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li City Council ta' Plasencia fi Spanja qed iressaq proposta biex isib partnership ma' Kunsill Lokali jew ma' Kunsill Reġjonali. Din il-belt fi Spanja għandha popolazzjoni ta' 39.500 abitant.

56.6.9 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 281/23. Business Breakfast – Urbact Info Day.

Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lil min hu interessat jattendi għal din is-sessjoni ta' informazzjoni dwar URBACT IV programme li ġiet skedata għal nhar is-27 ta' Frar.

**COMPLAINTS SHEET (16th January - 14th February 2023)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 12 | 16/01/2023 | Ilment li twaħħlet tabella Blue Res. Parking, fit tarf tal-bankina ma' nru. 75 Triq Ċ. Busuttil | closed | Triq Ċ Busuttil | **Council** |
| 13 | 17/01/2023 | Accident while crossing Zebra Crossing in Triq n-Naxxar opp. Commercial area | closed | Triq in-Naxxar | **TM** |
| 14 | 17/01/2023 | Talba biex isirlu guard tal-ħadid quddiem il-parapett tiegħu għax qed jolqtulu l-ħajt fi Triq il-Klin | pending | Al di Meola, Triq il-Klin | **Council** |
| 15 | 17/01/2023 | Cupboard ta' kċina mormi fil-parking tar-Razzett L-Abjad fi Triq Għargħur | settled | Triq Għargħur | **Council** |
| 16 | 18/01/2023 | Bozza fuq arblu ma' tixgħelx fi Triq S Erardi c/w Triq il-Mużika | pending | Triq Stefano Erardi c/w Triq il-Muzika | **Enemalta** |
| 17 | 19/01/2023 | Hemm ħafna ħaxix tas-siġar fuq il-bankina fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Cleansing** |
| 18 | 20/1/2023 | Charging pillar fi Triq l-Awrikarja miksura minn daqqa ta' vettura. | settled | Triq l-Awrikarja | |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 19 | 20/1/2023 | Il-planters qed jimtlew iżżejjed bl-ilma fi Triq l-Awrikarja | pending | Triq l-Awrikarja | **Council** |
| 20 | 21/01/2023 | Ħsara bil-wires tad-dawl mal-faċċata ta' 22, Triq Ġużè Pesci | pending | Triq Ġ Pesci | **Enemalta** |
| 21 | 23/01/2023 | Ħsara mal-faċċata kawża ta' bracket bil-wires tal-Enemalta fi Triq Ġ Abos | pending | Triq Ġ. Abos | **Enemalta** |
| 22 | 24/01/2023 | Talba biex issir 'road hump' fi Triq Ċensu Bugeja | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 23 | 25/01/2023 | Il-gate tal-bandli tan-naħa ta' Triq G E  Mercer ma tingħalaqx sew, biex jinbidel il-firrol | settled | Triq G E Mercer | **Council** |
| 24 | 24/01/2023 | Ilment li sar boundary wall ma' construction site fi Triq Mons P.P. Saydon. | settled | Triq Mons P.P. Saydon | **Council** |
| 25 | 27/01/2023 | Resident minn Triq Dun Karm qed jirraporta li hu u l-ħanut ta' ħdejh kellhom short fid-dawl u m'għandhomx dawl.  Lanqas dawl ta' barra m'hemm | settled | Triq Dun Karm | **Enemalta** |
| 26 | 27/01/2023 | Kaxxa temporanja tad-dawl tal-Milied maqlugħa bil-maltemp fi Triq G Abos fejn stabbiliment tan-negozju. | pending | Triq G Abos | **Council** |
| 27 | 28/01/2023 | Bozza fuq arblu ma' tixgħelx fi Sqaq il-Ħwawar ta' ġewwa nett, b'sajjetta | pending | Sqaq il-Ħwawar | **Contractor** |
| 28 | 30/01/2023 | Doggy bins mimlijien fit-toroq kollha. | pending | various | **Cleansing** |
| 29 | 30/01/2023 | Doggy bins mimlijin fit-toroq kollha. | pending | various | **Cleansing** |
| 30 | 30/01/2023 | Manhole miftuħa fi Triq in-Naxxar wara l-bus stop | settled | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 31 | 02/04/2023 | Talba għal refreshing of road markings quddiem 25, Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **Council** |
| 32 | 04/02/2023 | Tappiera Triq Ġ Abos fejn Maypole tiġi elevata u jfur id-drenaġġ | settled | Triq Ġ Abos | **WSC  report 303741780** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 | 06/02/2023 | Inġema' ħafna tajn f'Wesgħa JB Scicluna | pending | Wesgħa JB Scicluna | **Council** |
| 34 | 07/02/2023 | Rain water gutter biex jitnaddaf quddiem 26, Triq il-Ħwawar | pending | Triq il-Ħwawar | **Council** |
| 35 | 07/02/2023 | Ilma ħiereġ kontinwament minn katusi minn ħdejn ħanut tan-negozju fi Triq il-Klin | pending | Triq il-Klin | **Environment Health** |
| 36 | 07/02/2023 | Ilma ħiereġ minn taħt bankina quddiem L-Iklin pharmacy fi Triq Ġeronimo Abos | pending | Triq Ġeronimo Abos | **WSC** |
| 37 | 06/02/2023 | Hemm manhole cover perikoluża fi Triq il-Wied għax ġiet 'loose' | settled | Triq il-Wied | **IM** |
| 38 | 09/02/2023 | Tappiera Triq Ġ Abos fejn round-about tfawwar bid-drenaġġ | settled | Triq G Abos | **WSC report 303745318** |
| 39 | 11/02/2023 | Bla provvista ta' dawl 61, Triq il-Wied | settled | Triq il-Wied | **Enemalta** |
| 40 | 11/02/2023 | Fi Triq Mons P.P. Saydon faċċata ta' Trejqet il-Poeti hemm siġra tat-tip Awrikarja għolja f'parapett privat. Talba biex din tinżabar għax qe jibżgħu li ser iċċedi meta jagħmel riefnu | pending | Triq P P Saydon | **Council** |
| 41 | 02/11/2023 | Wire imdendel bejn 29/31 Triq Namur | pending | Triq Namur | **Go plc** |
| 42 | 13/02/2023 | Talba biex il-Cat Shelter li hemm fil-ġnien tinqata' minn mal-art bħalma hemm fi Triq il-Klin għaliex bix-xita tegħrqilhom | pending | Pjazza Ninu Cremona | **Council** |
| 43 | 14/02/2023 | Talba biex issir 'flat red roundabout' fil-crossing ta' Triq ES Inglott ma' Triq Ġ Pesci biex tagħmilha aktar faċli għar-resident biex ikun jista jaċċessa l-garage għaliex il-vetturi ta' warajh ma' jtuhx ċans. | pending | Triq ES Inglott | **Council** |
| 44 | 14/02/2023 | Bozza maqtugħa mall-ħajt fi Triq PA Cuschieri | pending | Triq PA Cuschieri | **Contractor** |
| 45 | 14/02/2023 | Fi Triq PA Cushieri, filgħaxijiet qed ikun hemm irwejjaħ ta' tarmac li huma ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem | pending | Triq PA Cuschieri | **ERA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | 14/02/2023 | Fi Triq Giovanni Curmi qed jagħmlu l-boroż tal-iskart fil-kantuniera u jdumu biex jinġabru | pending | Triq Giovanni Curmi | **Refuse collector** |
| 47 | 14/02/2023 | Ilment li l-manhole li qed jitħaffru fuq il-bankini mill-Melita, mhux qed ikollhom vacuum allura t-trabijiet qed jixterdu ma' kullimkien | pending | Triq GM Azzopardi c/w Triq G Galea | **Melita** |
| 48 | 13/2/2023 | Talba biex issir refreshing tal-linji fi Triq iċ-Ċitru | pending | Triq iċ-Ċitru | **Council** |
| 49 | 13/2/2023 | Ħofor li żdiedu bil-maltemp fi Triq Ħal Għargħur. Biex jiġu mogħtija bit-tarmac | pending | Triq Ħal Għagħur | **Council** |
| 50 | 13/2/2023 | Tarmac fejn hemm zebra crossing fi Triq Ġ Abos huwa difettuż. Biex tingħata t-tarmac u jsir refreshing tal-marki. | pending | Triq Ġ Abos | **Council** |
| 51 | 14/2/2023 | Tabella tal-one way fi Triq Alfons M Galea c/w Triq Ġ Calleja ġiet imdawwra u qed turi n-naħa l-ħażina | pending | Triq Alfons M Galea c/w Triq G Calleja | **Council** |

## 56.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

56.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

56.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

56.7.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit staqsa dwar il-pagamenti 8, 9,u 10 li huma pagabbli lill-fornitur DF Advocates Deguara Farrugia. Staqsa jekk il-Kunsill għadx għandu każijiet pendenti.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill għandu kawża pendenti dwar il-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ li hemm fi Triq Richard Taylor.

Il-Kunsillier Zammit kien sodisfatt bil-kjarifika.

Imbagħad staqsa dwar il-pagament nru. 35 pagabbli lill-fornitur Maria Wright. Dan il-pagament qed isir in konnessjoni mall-kampanja ta' għarfien bit-tema 'Message in a bottle' li l-Kunsill se jkun qed jaħdem fuqha fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin mall-komunità tal-Iklin.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li fil-preżent jinsab f'diskussjonijiet ma' Lions Club ta' San Pawl il-Baħar fejn hemm il-ħsieb li ssir kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali L-Iklin biex nieħdu ħsieb il-komunità, disinjata partikolarment għall-anzjani u persuni li jgħixu waħedhom. Grazzi għall-ħidma u l-kuntatti ma' Lions Club St Paul's Bay, waslet konsenja bil-materjal li se jkun qed jiġi introdott mall-anzjani u persuni li jgħixu waħdehom fl-Iklin.

Il-Kunsillier Emanuel Zammit kien sodisfatt bil-kjarifika.

56.7.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Emanuel Zammit u Godwin Catania.

## 56.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

56.8.1 Applikazzjoni PA 00130/23 – 25 Casa Zammit, Triq Mons. Pietru Pawl Saydon, L-Iklin. 'Proposed changes to front garden wall; and front façade changes.

## 56.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2022

56.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras Stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited Financial Statements għas-sena 2022.

56.9.2 L-Accountant ippreżenta l-kontenut li fih dan ir-rapport għall-attenzjoni sħiħa tal-preżenti. Ġie moqri l-istatement of Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income,

Statement of changes in equity, Statement of Cash Flows & Notes to the Financial Statements.

L-Accountant spjega li għalkemm l-istatement of Comprehensive Income (Profit & Loss) jidher li l-Kunsill ser jispiċċa s-sena finanzjarja 2022 b'deficit ta' Eur18,741, riżultat ta' numru ta' fatturi fosthom 'The Executive Secretaries' remuneration package arrears għas-snin 2020 u 2021li kienu jammontaw għal Eur8.5k, u d-deprezzament on property, plant and equipment li kien jammonta għal Eur37k.

L-Accountant ikkonkluda li meta wieħed iħares lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, jirriżulta li l-Financial Situation Indicator jibqa wieħed b'saħħtu u cioè 54%.

56.9.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

56.9.4 Ma kienx hemm.

56.9.5 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidraw u japprovaw l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2022.

56.9.6 Il-Kunsill approva nem con. L-istqarrijiet finanzjarji ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tas-16 ta' Frar 2023 u kien ser jintbagħt fl-immedjat biex nonoraw deadline tal-24 ta' Frar.

**(Ara dok. E)**

**56.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-EVALUATION REPORT TAL-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/1/21**

56.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Evaluation Report li kien ippreparat mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni ta' Tender.

56.10.2 Ir-rapport isemmi li l-offerenti kienu tlieta u wara li t-tliet offerenti kienu Administrative & Technically Compliant, l-aħħar proċess kien jitratta l-Financial evaluation fejn il-Kumitat mar għall-orħos offerta.

Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda lill-Kunsill biex l-akkwist pubbliku jintrebaħ mill-orħos offerent għall-prezz ikkwotat skont il-figura ikkwotata fl-akkwist pubbliku.

56.10.3 Il-Kunsill iddeċieda unanimament li kellu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni.

**(Ara dok. F)**

## 56.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-EVALUATION REPORT TAL-AKKWIST PUBBLIKU ILC/T/2/22

56.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-Kumitat tal-Evalwazzjoni kien talab direzzjoni mis-sezzjoni tal-Procurement fid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali peress li skont l-akkwist pubbliku, l-orħos żewġ offerenti ikkwotaw l-istess prezz.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa li d-direzzjoni kienet ċara min-naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ikkwota l-General Rules Governing Tender li skont l-artikolu 17.5, il-Kumitat tal-Evalwazzjoni ma jistax jipproponi lill-offerenti biex jirrevedu l-prezz peress li dan l-akkwist pubbliku jaqa' taħt l-iskema *pegging of rates*.

Għaldaqstant f'każ li l-Kumitat jiddeċiedi li jagħti din l-għotja liż-żewġ offerenti, il-perjodu tal-kuntratt irid jinqasam fejn l-ewwel kuntrattur jibda u jagħmel it-terminu tiegħu u eventwalment jidħol it-tieni offerent biex ikompli għall-perjodu ta' (24) xhar peress li l-kuntratt ikun għal perjodu ta' (48) xhar.

56.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill għandu jistenna lill-Kumitat tal-Evalwazzjoni biex jitkompla l-proċess biex jiġi ffinalizzat ir-rapport tal-evalwazzjoni.

## 56.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

56.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu 2023 fil-5.30 p.m.

56.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 16 ta' Marzu- 2023 fil-5.30 p.m.

56.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.47 p.m.

| | |
|---|---|
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |